Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2163/2001**

tas-7 ta' Novembru 2001

rigward l-arranġamenti tekniċi għat-trasmissjoni tad-*data* għal statistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 291, 8.11.2001, p. 13)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 973/2007 ta' l-20 ta' Awwissu 2007	L 216	10	21.8.2007

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2163/2001

tas-7 ta' Novembru 2001

rigward l-arranġamenti tekniċi għat-trasmissjoni tad-*data* għal statistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq ([1]), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2691/1999 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Bi qbil ma' l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1172/98, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-arranġamenti għat-trasmissjoni ta' data mill-Istati Membri.

(2) Huwa meħtieġ li jkun speċifikat il-format li bih id-data għandha tkun trasmessa lejn l-Eurostat f'dettal suffiċjenti sa biex jassigura li d-data tista' tkun ipproċessata b'mod imħaffef u b'mod effettiv biex jitnaqqsu l-ispejjeż.

(3) Dan ir-Regolament ma jibdilx l-istat tal-varjabbli li huma ddikjarati bħala mhux obbligatorji fir-Regolament (KE) Nru 1172/98.

(4) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-format tekniku għat-trasmissjoni tad-*data* lejn il-Kummissjoni (Eurostat) huwa ddefinit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jużaw dan il-format għad-data li tikkonċerna s-sena ta' referenza 2002 u s-snin sussegwenti.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lejn il-Kummissjoni (Eurostat) id-*data* u l-*metadata* meħtieġa b'dan ir-Regolament fil-forma elettronika, b'konformità ma' standard ta' skambju propost mill-Kummissjoni (Eurostat).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 163, 6.6.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 326, 18.12.1999, p. 39.
([3]) ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

▼B

ANNESS

IL-FORMAT TEKNIKU GĦAT-TRASMISSJONI TAD-DATA

1. L-ISTRUTTURA TAD-*DATA*

Ir-reġistrazzjoni individwali tad-*data* għal kull kwart ta' sena, li għandhom jintbagħtu lejn l-Eurostat, għandhom jikkonsistu fi tliet settijiet tad-*data* marbutin li jkopru:

A1 il-varjabbli rrelatati mal-vetturi


A2 il-varjabbli rrelatati mal-vjaġġ

A3 il-varjabbli rrelatati mal-merkanzija (fl-operazzjoni bażika tat-trasport).

Kull "reġistrazzjoni tal-vettura" A1 hija marbuta mar-"reġistrazzjoni tal-vjaġġ" 1-n (sett ta' data A2) li fihom id-data fuq il-vjaġġi li saru minn dik il-vettura f'dak il-perjodu ta' stħarriġ (normalment ġimgħa waħda). Kull reġistrazzjoni tal-vjaġġ għandu imbagħad ikun marbut ma' 0-m "reġistrazzjoni tal-merkanzija" (sett ta' data A3) li fihom id-data fuq l-operazzjonijiet bażiċi tat-trasport li jifformaw dak il-vjaġġ.

Il-Figura 1 turi l-istruttura tad-data.

Għandu jkun innotat li ma jistgħux ikun hemm reġistrazzjonijiet tal-merkanzija multipli għal kull reġistrazzjoni ta' vjaġġ.



Għal vjaġġi mgħobbija, jiddependi mill-metodu użat biex ikunu rreġistrati l-vjaġġi, u/jew fuq it-tip tal-vjaġġ, jista' jkun hemm reġistrazzjoni waħda biss tal-merkanzija kif marbuta ma' kull reġistrazzjoni ta' vjaġġ. Għal vjaġġi mingħajr tagħbija, għandu s-soltu ma jkun hemm l-ebda reġistrazzjoni tal-merkanzija marbuta (għalkemm l-eżistenza ta' reġistrazzjoni tal-merkanzija marbuta għal vjaġġi vojta huma permissibbli).

L-"Appendiċi metodoloġiku" fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 jipprovdi aktar informazzjoni.

2. LISTA TA' OQSMA

L-informazzjoni segwenti hija pprovduta għal kull qasam:

— in-numru tal-qasam: dan jiddentifika l-pożizzjoni tal-qasam fir-reġistrazzjoni,

— varjabbli: din hija r-referenza għall-varjabbli fir-Regolament (KE) Nru 1172/98, jew mezz ta' identifikazzjoni interna,

— deskrizzjoni: deskrizzjoni qasira tal-kontenut tal-qasam,

— l-ikkodifikar: il-varjabbli għandhom jingħataw kodiċi bi qbil ma' l-Annessi A sa G tar-Regolament (KE) Nru 1172/98. Ir-Regoli tal-kodiċi addizzjonali huma annotati hawn. Aktar spjegazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet fuq il-kodiċi jistgħu jkunu pprovduti mill-Eurostat fil-ktejjeb tar-referenza għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1172/98,

▼B

— it-tip tal-qasam: jindika jekk il-qasam ikun fih kwantità numerika jew sekwenza ta' test,

— ħlief għall-varjabbli A1.9, l-oqsam numeriċi kollha għandhom ikunu pprovduti bħala integri,

— il-varjabbli A1.9 għandhom ikun fihom virgola (“,”) bħala s-separatur deċimali,

— varjabbli mhux obbligatorja: bandiera għall-varjabbli li ma humiex obligatorji bi qbil ma' l-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1172/98,

— it-tul massimu: it-tul massimu tad-*data* mistennija għal dan il-qasam. Dettal li huma twal iżżejjed ma jistgħux jittellgħu,

— il-qasam primarju: it-taħlita tal-valuri fl-oqsma primarji għal sett tad-*data* għandhom jikkonsistu f'valur primarju uniku fi ħdan dak is-sett. Jekk il-valuri primarji duplikati jinstabu, it-telliegħ tas-sett tad-*data* u s-settijiet tad-data marbutin tiegħu jitwaħħlu, għax ir-reġistrazzjoni tal-vettura, tal-vjaġġ u tal-merkanzija ma jistgħux ikunu marbuta b'mod korrett.

Sett tad-Dettal A1: Varjabbli rrelatati mal-vettura

In-numru tal-qasam	Varjabbli	Deskrizzjoni	Kodiċi	It-tip tal-qasam	* = varjabbli mhux obbligatorju	It-tul massimum	il-qasam primarju	Kodiċi speċifiċi għal valuri neqsin
1	R għadd	Il-pajjiż li qed jirrapporta	([1])	Test		2	*	
2	IDSetD	L-identifikazzjoni tas-sett tad-*data*	A1	Test		2	*	
3	Sena	Is-sena tas-sett tad-*data*	4 ċifri	Test		4	*	
4	Kwart	Il-kwart ta' sena tas-sett tad-*data*	K1, K2, K3 jew K4	Test		2	*	
5	Qwest N	L-identifikazzjoni tal-kwestjonarju		Test		9	*	
6	A1.1	Il-possibbiltà ta' l-użu tal-vettura għal trasport magħqud	Biex ikun żviluppat	Test	*	1		
7	A1.3	L-età tal-vettura bil-mutur tat-triq (trakk jew trattur tat-triq)	Snin mill-ewwel reġistrazzjoni	Numerika		2		99
8	A1.6	Ir- ►**M1** NACE Rev. 2 ◄ tal-klassita' l-attività ta' l-operatur tal-vettura	*NACE* livell ta' 4 ċifri	Test	*	5		
9	A1.8.1	Kilometri totali tal-vettura waqt il-perjodu ta' l-istħarriġ — mgħobbi	km	Numerika		4		
10	A1.8.2	Kilometri totali tal-vettura waqt il-perjodu ta' l-istħarriġ — vojta (inklużi vjaġġi tat-trattur mingħajr semi-trejler)	km	Numerika	*	4		
11	A1.9	Il-piż tal-vettura biex tintuża ħalli jinkibu riżultati sħaħ mid-data individwali, jekk il-kollezzjoni ta' data sseħħ minn kampjun		Numerika		8		

▼B

In-numru tal-qasam	Varjabbli	Deskrizzjoni	Kodiċi	It-tip tal-qasam	* = varjabbli mhux obbligatorju	It-tul massimum	il-qasam primarju	Kodiċi speċifiċi għal valuri neqsin
12	Saff	L-identifikazzjoni tas-saff identifikatur għal-kampjun li fih tidher il-vettura		Test		7		
13	rabta A2	Nurmu ta' reġistrazzjoni marbutin A2	Numerika	Numerika		5		

([1]) Dan il-varjabbli għandu jitqiegħed f'kodiċi bl-użu tal-kodiċi tal-pajjiż fl-Anness G tar-Regolament (KE) Nru 1172/98.

Sett tad-*data* A2: Varjabbli rrelatati mal-vjaġġ

In-numru tal-qasam	Varjabbli	Deskrizzjoni	Kodiċi	It-tip tal-qasam	* = varjabbli mhux obbligatorju	It-tul Massimum	il-qasam-primarju	Kodiċi speċifiċi għal valuri neqsin
1	R Għadd	Il-pajjiż li qed jirrapporta	([1])	Test		2	*	
2	IDSetD	L-identifikazzjoni tas-sett tad-*data*	A2	Test		2	*	
3	Sena	Is-sena tas-sett tad-*data*	4 ċifri	Test		4	*	
4	Kwart	Il-kwart ta' sena tas-sett tad-*data*	K1, K2, K3 jew K4	Test		2	*	
5	NKwest	L-identifikazzjoni tal-kwestjonarju		Test		9	*	
6	NVjaġġ	L-identifikazzjoni tal-vjaġġ		Test		5	*	
7	A1.2	Il-konfigurazzjoni tal-fus	L-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1172/98	Test	*	3		
8	A1.4	Il-piż massimu mgħobbi permessibbli	100kg	Numerika		4		
9	A1.5	Il-kapaċità tat-tagħbija	100kg	Numerika		4		
10	A1.7	It-tip ta' trasport	L-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1172/98	Test		1		9
11	A2.1	It-tip tal-vjaġġ	L-Anness Ċ tar-Regolament (KE) Nru 1172/98	Test		1		
12	A2.2	Piż tal-merkanzija	Piż gross f'100kg	Numerika		4		
13	A2.3	Il-post tat-tagħbija (tal-merkanzija għal vettura tal-mutur tat-triq għal vjaġġ mgħobbi)	([2])	Test		5		XX
14	A2.4	Il-post tal-ħatt (tal-merkanzija għal vettura bil-mutur tat-triq għal vjaġġ mgħobbi)	([2])	Test		5		XX

▼B

In-numru tal-qasam	Varjabbli	Deskrizzjoni	Kodiċi	It-tip tal-qasam	* = varjabbli mhux obbligatorju	It-tul Massimum	il-qasam-primarju	Kodiċi speċifiċi għal valuri neqsin
15	A2.5	Id-distanza vjaġġata: attwali bl-esklużjoni tad-distanza koperta mill-merkanzija tal-vettura bil-mutur tat-triq waqt li kienu ttrasportati b'mezz ta' trasport ieħor	km	Numerika		4		
16	A2.6	Tunnellati × km effettwati waqt il-vjaġġ	tunnellata/km	Numerika		8		
17	A2.7	Il-pajjiżi li għadda minnhom fit-transitu (mhux iktar minn 5)	(2)	Test		10		
18	A2.8	Il-post tat-tagħbija, jekk hemm, tal-vettura bil-mutur tat-triq tal-merkanzija fuq mezz ta' trasport ieħor	(2)	Test	*	5		XX
19	A2.9	Il-post tal-ħatt, jekk hemm, tal-vettura bil-mutur tat-triq tal-merkanzija minn mezz ieħor tat-trasport	(2)	Test	*	5		XX
20	A2.10	Grad tat-tagħbija tal- vettura (f'termini tal-volum massimu ta' l-ispazju użat waqt il-vjaġġ)		Test	*	1		9
21	A3 rabta	In-Numru tar-reġistrazzjoni A3 irreġistrati		Numerika		8		

(1) Dan il-varjabbli għandu jitqiegħed f'kodiċi b'użu tal-kodiċi tal-pajjiż fl-Anness G tar-Regolament (KE) Nru 1172/98.
(2) Dan il-varjabbli għandu jitqiegħed f'kodiċi bir-regoli mfassla fl-Anness G tar-Regolament (KE) Nru 1172/98.

Sett tad-data A3: Il-Varjabbli rrelatati mal-merkanzija (fl-operazzjoni bażika tat-trasport).

In-numru tal-qasam	Varjabbli	Deskrizzjoni	Kodiċi	It-tip tal-qasam	* = varjabblimhux obbligatorju	It-tul massimum	il-qasam primarju	Kodiċi speċifiċi għal valuri neqsin
1	R Għadd	Il-pajjiż li qed jirrapporta	(1)	Test		2	*	
2	IDSetD	L-identifikazzjoni tas-sett tad-*data*	A3	Test		2	*	
3	Sena	Is-sena tas-sett tad-*data*	4 ċifri	Test		4	*	
4	Kwart	Il-kwart ta' sena tas-sett tad-*data*	K1, K2, K3 jew K4	Test		2	*	

▼B

In-numru tal-qasam	Varjabbli	Deskrizzjoni	Kodiċi	It-tip tal-qasam	* = varjabblimhux obbligatorju	It-tul massimum	il-qasam primarju	Kodiċi speċifiċi għal valuri neqsin
5	Quest N	L-identifikazzjoni tal-kwestjonarju		Test		9	*	
6	Vjaġġ N	L-identifikazzjoni tal-vjaġġ		Test		4	*	
7	Merkanzija N	L-identifikazzjoni ta' l-operazzjoni tal-merkanzija		Test		6	*	
8	A3.1	It-tip tal-merkanzija, skond il-gruppi b'referenza għall-klassifikazzjoni xierqa	L-Anness D tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 (NST/R)	Test		2		
9	A3.2	Piż tal-merkanzija	Piż gross f'100kg	Numerika		4		
10	A3.3	Il-klassifikazzjoni ta' merkanzija perikoluża	L-Anness E tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 (il-kategoriji prinċipali tad-Direttiva 94/55/KE)	Test		3		
11	A3.4	It-tip ta' tagħbija	L-Anness F tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 (livell ta' ċifra-1 tar-Rakkomandazzjoni Nru 21 tal-Ġnus Maqgħuda)	Test	*	1		
12	A3.5	Il-post tat-tagħbija tal-merkanzija	(2)	Test		5		XX
13	A3.6	Il-post tal-ħatt tal-merkanzija	(2)	Test		5		XX
14	A3.7	Id-distanza vjaġġata, id-distanza attwali bl-esklużjoni tad-distanza koperta mal-vettura bil-mutur tal-merkanzija tat-triq waqt li kienu ttrasportati b'mezz ta' trasport ieħor	km	Numerika		4		

(1) Dan il-varjabbli għandu jitqiegħed f'kodiċi b'użu tal-kodiċi tal-pajjiż fl-Anness G tar-Regolament (KE) Nru 1172/98.
(2) Dan il-varjabbli għandu jitqiegħed f'kodiċi bir-regoli mfassla fl-Anness G tar-Regolament (KE) Nru 1172/98.

3. IL-VALURI NEQSIN

B'mankaza, il-valuri neqsin fir-reġistrazzjoni tad-*data* għandhom ikunu kkodifikati bħala qasam vojt (l-ebda *data* bejn żewġ separaturi ta' l-oqsma). Għal ċerti oqsma, il-Eurostat tista' tirrakkomanda l-użu ta' kodiċi speċifiċi għall-valuri neqsin jew valuri speċjali oħrajn (ara l-kolonna "kodiċi speċifiċi għal valuri neqsin").

Informazzjoni addizzjonali hija pprovduta fil-ktejjeb tar-referenza għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 dwar l-istatistiċi fuq it-trasport tal-merkanzija fit-triq.

4. BIDLA FIL-KONFIGURAZZJONI JEW FIT-TIP TAT-TRASPORT

L-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1172/98 innota li waqt il-perjodu ta' stħarriġ vettura tista' tkun soġġetta għal bidla fil-konfigurazzjoni (addizzjoni ta' trejler li jagħti lok għal bidla fil-konfigurazzjoni tal-fus u l-kapaċità tat-

▼B

tagħbija) jew it-tip tat-trasport jista' jvarja bejn il-vjaġġi. Dawn il-bidliet għandhom ikunu irreġistrati, għalkemm dan mhuwiex obbligatorju.

Sa biex ikun permissibbli t-trasmissjoni ta' din id-*data* fi ħdan l-istrutturi normali tad-data deskritti hawn, il-varjabbli A1.2, A1.4, A1.5 u A1.7 għandhom ikunu trasmessi bħala parti tas-sett tad-data A2 (il-varjabbli rrelatati mal-vjaġġ)

5. IL-VALIDITÀ TAD-DETTAL MILL-EUROSTAT

Il-Eurostat għandha tapplika xi spezzjonijiet tal-validità dwar id-data trasmessa mill-Istati Membri, qabel mad-*data* tkun mtella' fid-*database* tal-produzzjoni. Meta jkun hemm numru sinifikanti ta' reġistrazzjonijiet li ma jgħaddux minn dawn l-ispezzjonijiet, il-Eurostat għandha tinnotifika lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni li qegħdin bl-iżbalji u tipprovdi l-indikazzjoni tar-raġunijiet għalfejn ma aċċettathomx. L-Istat Membru għandu jintalab biex jikkoreġi l-iżbalji nnotati u mbagħad tissottometti s-sett komplet tat-tliet settijiet tad-*data* għal dak il-kwart ta' sena mill-ġdid (mhux biss ir-reġistrazzjoni li kien fihom l-iżbalji). Din il-proċedura hija meħtieġa sa biex tkun iggarantita l-korrettezza tal-piż tal-fatturi u l-koerenza bejn ir-reġistrazzjoni tal-vettura, tal-vjaġġ u tal-merkanzija.

Meta n-numru tar-reġistrazzjoni li fihom żbalji jkun wieħed żgħira ħafna u l-effett mistenni fuq xi analażi tkun waħda insinifikanti, il-Eurostat għandha ttella' dawk ir-reġistrazzjonijiet li jgħaddu l-ispezzjonijiet tal-verifikazzjoni u tneħħi dawk ir-reġistrazzjonijiet li huma bl-iżbalji. F'każ bħal dan l-Istat Membru għandu jkun informat bir-reġistrazzjonijiet li ma jkunux għaddew mill-ispezzjonijiet u l-għaliex ikun sar dan. L-Istat Membru għandu jkun mistieden, jekk hekk ikun jixtieq, biex jikkoreġi l-iżbalji li nstabu u terġa' tissottometti s-sett komplet tat-tliet settijiet tad-*data* għal dak il-kwart ta' sena mill-ġdid (mhux biss ir-reġistrazzjoni li kien fihom l-iżbalji). Meta ssir s-sottomissjoni mill-ġdid, il-Eurostat għandha ittella' d-data riveduta iżda jekk ma ssir l-ebda sottomissjoni mill-ġdid, il-Eurostat għandha tuża d-*data* li diġà tkun aċċettat għall-preparazzjoni tat-tabelli aggregati.

6. L-GĦOTI TA' L-ISMIJIET TA' SETTIJIET TAD-DATA

L-ismijiet tas-settijiet tad-*data* għandhom ikunu, skond ir-rekwiżiti ta' l-iStadium, fil-forma "PPSSKnROADAx.ZZZ" meta:

PP	Il-pajjiż li qed jirrapporta
SS	l-aħħar 2 ċifri tas-sena (per eżempju "01" għas-sena 2001)
Kn	Kwart: n = 1 sa 4
ROADAx	Sett tad-*data* ta' l-identifikazzjoni: A1: sett tad-*data* tal-vettura A2: sett tad-*data* tal-vjaġġ A3: sett tad-*data* tal-merkanzija
.ZZZ	it-tip tas-sett tad-*data*: .dat: settijiet tad-*data* individwali .zip: settijiet ta' *data* kkompressati fil-format ta' Pkzip jew WinZip

Eżempji:

1. Is-sett tad-*data*"ES99K2ROADA1.zip" hija sett tad-*data* kompressa "zip" li jkun fih sett tad-*data* A1 għal Spanja, tas-sena 1999 u it-2 kwart tas-sena ("ES99K2ROADA1.dat").

2. Is-sett tad-data "UK99K3ROADA2.dat" huwa s-sett tad-data li jikkontjeni għar-Renju Unit, tas-sena 1999, tat-3 kwart tas-sena, is-sett tad-*data* A2.

L-isem tas-sett tad-*data* speċifikat hawn fuq għandu jidher fil-linja tas-suġġett tal-posta elettronika.

7. IL-MEDJA TAT-TRASMISSJONI

Is-sostenn tat-trasmissjoni preferit huwa Stadium, mibgħut lill-indirizz li għandu jkun innotifikat mill-Eurostat. Innota li l-posta elettronika hija

▼B

soġġetta għal limiti ta' daqs massimu li jista' jeskludi l-użu tiegħu għal settijiet ta' *data* kbar.

8. IL-PERIJODU TRANSITORJU

Fil-perjodu transitorju, id-data tista' tintbagħat wkoll f'settijiet tad-*data* ASCII b'oqsma ta' tul varjabbli. Il-punt u virgola (";") tintuża bħala separattur ta' l-oqsma.

L-oqsma kollha għandhom ikunu preżenti anke jekk huma vojta (jiġifieri, żewġ separatturi ta' l-oqsma suċċessivi).

Spazji addizzjonali fl-oqsma tad-*data* għandhom ikunu injorati, sa kemm l-istruzzjonijiet speċifiċi għal qasam jipprojbixxu l-preżenza ta' spazji addizzjonali.

Apparti minn hekk waqt dan il-perjodu transitorju l-Eurostat għandha tagħti sostenn għar-riċeviment ta' *data* bil-posta fuq disketti jew disketti kompatti li jistgħu jkunu rekordjati (CD-R). Id-data m'għandhiex tkun aċċettata fuq tejpijiet magnetiċi jew fuq il-karta.

Meta d-*data* għandha tintbagħat bil-posta elettronika, ir-regoli segwenti għandhom japplikaw fil-perjodu transitorju:

— id-*data* għandha tintbagħat fil-forma ta' settijiet ta' *data* mhemuża,

— sett wieħed biss ta' *data* jista' jkunu mhemuż ma' kull messaġġ,

— l-isem tas-sett tad-*data* għandu jintuża bħala s-suġġett tal-messaġġ,

— il-kummenti fuq id-*data* (bħal noti metodoloġiċi, rimarki fuq il-kwalità tad-data eċċ.) jistgħu jiddaħħlu bħala test mingħajr tiżjin fil-qafas tal-messaġġ li magħha d-*data* huma mhemuża. It-test ifformattjat ma għandux jintuża,

— il-kummenti fuq *data* jistgħu jintbagħtu ukoll bħala messaġġ f'test mingħajr tiżjin (mingħajr sett tad-*data* mhemuża) bl-użu tal-qasam tas-suġġett: "PPSSKnROADAx.rem". Test formattjat ma għandux jintuża,

— korrezzjonijiet: biex ikun ikkorreġut fajl tad-data li ntbagħtet qabel lejn l-Eurostat, is-sett tad-*data* kkorreġuta għandha tintbagħat bl-istess isem tas-sett tad-*data*, flimkien ma' nota spjegatorja f'format ta' test bla tiżjin fil-qafas tal-posta elettronika.